MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2014

Rikors Numru. 508/2013

**AB**

**Vs**

**Dr Patrick Valentino u PL Liliana Buhagiar gew nominati b'digriet tat-13 ta' Frar 2014 bhala kuraturi deputati in rapprezentanza tal-assenti CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremettiet:

1. Illi l-esponenti zzewget lill-intimat fis-26 ta’ Frar 2000 (vide Dok Á ») u miz-zwieg taghhom kellhom tifel wiehed – IB– li twieled fit-18 ta’ Settembru, 2001 ;
2. Illi l-imsemmi minuri jinsab fil-kura u kustodja fattwali tal-esponenti u jghix maghha ;
3. Illi l-kontendenti kienu xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni tal-beni pubblikat fit-2 ta’ Marzu, 2010 in atti Nutar Dottor Carmel Gafa (Dok. ‘B’) ;
4. Illi l-kontendenti ilhom mifrudin fattwalment mis-sena 2005 meta l-intimat abbanduna kompletament lill-familja tieghu inkluz lil ibnu ;
5. Illi l-esponenti saret taf ukoll li l-intimat zewgha telaq minn pajjizna b’mod permanenti ;
6. Illi minn dak iz-zmien il-partijiet la rrikonciljaw u lanqas hemm ebda tama illi jirrikonciljaw ;
7. Illi ai finijiet tal-artikolu 66B tal-Kodici Civili jirrizulta illi :
   (i) Li l-kontendenti ilhom mifrudin ghal ferm izjed minn erba’(4) snin ;
   (ii) Li m’hemm l-ebda possibilita’ ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet ;
   (iii) Li l-esponenti mhux qed jircievi ebda manteniment minghand l-intimat la ghaliha u lanqas ghall-minuri u zgur li huwa mpossibli li hija tircievi l-hlas ta’ tali manteniment stante li l-intimat telaq ghal kollox minn Malta ;
   (iv) Li m’hemm assolutament ebda assi apparenenti lill-komunjoni tal-akkwisti x’jigu divizi peress li din kienet diga giet likwidata kif fuq spjegat ;
8. Illi l-esponenti giet debitament awtorizzata tipprezenta din l-istanza b’Digriet Nru. 1963/13 (Dok. ‘C’) ;
9. Illi l-partijiet mhumiex legalment separati ;
10. Illi l-esponenti taf personalment bil-fatti kif minnha dikjarati ;

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

(i) Tiddikjara, ghal kull buon fini, illi ma tezisti ebda komunjoni tal-akkwisti x’tigi xolta u likwidata bejn il-partijiet stante illi din kienet

giet xolta u likwidata b'kuntratt ta' separazzjoni tal-beni pubblikat fit-2 ta' Marzu 2010 in atti Nutar Dottor Carmel Gafa ;

(ii) Taffida l-kura u kustodja tal-minuri Amir Itketek li twieled fit-18 ta' Settembru, 2001 lir-rikorrenti ;

(iii) Taghti dawk il-provvedimenti opportuni in rigward tal-manteniment ghar-rikorrent u ghall-minuri Amir Itketek in vista tal-fatt illi l-intimat Ala Eddin Ismail Mohamed Itketek huwa assenti minn Malta ;

(iv) Tiddikjara illi z-zwieg tal-esponenti Charmaine Itketek mal-intimat Ala Eddin Ismail Mohamed Itketek huwa mahlul u li l-partijiet huma divorzjati ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi ;

(v) Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk minn din il-Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi annotat u registrat fir-Registru Pubbliku ;

(vi) Tawtorizza lir-rikorrenti biex tirriverti ghal kunjom xbubitha ;

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni ;

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati li in forza taghha eccepew ;

1. Previa li r-rikorrenti tinserixxi t-talbiet fir-rikors promotur ;
2. Illi huma ma humiex edotti mill-fatti tal-kawza pero jirrizervaw illi jipprezentaw risposta ulterjuri u aktar xhieda meta u jekk jirnexxilhom jottjenu aktar informazzjoni dwar il-kaz odjern ;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-23 ta' Mejju, 2014;

Semghet lir-rikorrenti tixhed bil-gurament taghha;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom de facto separati sa mill-2004;

Illi ir-rikorrenti ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, tiddikjara li ma hemm l-ebda assi formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti u ma hemm xejn x’jigi likwidat bejn il-partijiet peress illi l-istess komunjoni tal-akkwisti kienet giet xolta u likwidata bil-kuntratt ta’ separazzjoni ta’ beni ippubblikat fit-2 ta’ Marzu 2010, tavda il-kura u il-kustodja tal-minuri Amir Itketek lir-rikorrenti, tiddikjara illi z-zwieg ta’ bejn il-partijiet huwa mahlul u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku. Il-Qorti qeghda ukoll tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tirriverti ghal kunjom xbubita.

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------